# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 36/2016**

**Il-Pulizija**

**vs.**

*Omissis*
**Justin Attard**
**Cliff Borg**
*Omissis*

Illum 13 ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra

*Omissis,*

l-appellant **Justin Attard**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 327987(M),

l-appellant **Cliff Borg**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 504382(M), u

*Omissis*

akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

fil-lejl ta' bejn nhar it-3 u l-4 ta' Ġunju 2013, fis-Salina, limiti tan-Naxxar f'dawn il-Gżejjer assoċjaw ruħhom flimkien bil-għan li jagħmlu delitt u ċioè:

1. ikkonfoffaw jew ittantaw, jew għinu, ħajru, taw pariri lil xi ħaddieħor biex jikser xi dispożizzjonijiet bħal dawk, jew biex jikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew ħtieġa imposta minn jew taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, u ċioè Regolamenti 4(1)(a); 5(1); 5(3); 18(1)(a); 19(1); 24(a); u 24(c) u dan bi ksur ta' Regolament 27(1)(d) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

Lil Justin Attard u Cliff Borg biss akkużati talli fil-lejl ta' bejn nhar it-3 u l-4 ta' Gunju 2013, fis-Salina, limiti tan-Naxxar, u f'dawn il-Gżejjer:

2. ikkaċċjaw jew ippruvaw jikkaċċjaw, ħadu jew ippruvaw jieħdu xi għasfur li huwa protett taħt ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat), u ċioè Fjamingu *Phoenicopterus ruber* (inkluż fi Skeda I), u mhux skont dawn ir-Regolamenti u mhux skont il-kondizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħthom u dan bi ksur ta Regolament 4(1)(a) tal-A.L. 79 tal-2006;

3. żammew lil xi għasfur, kemm ħaj kemm mejjet, jew parti minn xi għasfur, li l-kaċċa jew it-teħid tiegħu huma projbiti taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, u ċioè Fjamingu *Phoenicopterus ruber,* bi ksur tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi peress li ma kienx

għasfur li ġie ddikjarat u reġistrat mal-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u meta ma kellhomx il-permessi, jew ċertifikati mill-Awtorita' Kompetenti sabiex iżommu dak l-għasfur, bi ksur ta' Regolament 4(1)(e) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

4. żammew għasfur, kemm ħaj kemm mejjet, jew parti minn xi għasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew fl-Iskeda III tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi, u ċioè Fjamingu *Phoenicopterus ruber* meta dak l-għasfur ma kienx ittieħed fi Stat Membru ieħor fejn ikun jista' jittieħed jew jinqabad legalment taħt id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi kif ukoll taħt il-liġijiet ta' dak l-Istat Membru l-ieħor u dan l-għasfur ma kienx miġjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004, bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) ta' I-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

5. naqsu milli jżommu il-pussess tagħhom u għall-perjodu kollu li kienu fil-pussess ta' kampjun, u ċioè ta' Fjamingu *Phoenicopterus ruber*, il-permessi, ċertifikati u dokumenti oħrajn kollha li jippruvaw għas-sodisfazzjon tal-Awtorita' Kompetenti li dak il-kampjun ma ġiex miksub kontra d-dispożizzjoni tar-Regolament dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

6. ikkaċċjaw jew ippruvaw jikkaċċjaw lil xi għasfur minbarra dawk imsemmija fl-Iskeda II, u ċioè l-Fjamingu *Phoenicopterus ruber* (inkluż fi Skeda I) u dan bi ksur ta' Regolament 5(1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

7. ikkaċċjaw fuq l-art xi għasfur li mhux elenkat fit-Taqsima A tal-Iskeda II u ċioè Fjamingu *Phoenicopterus ruber* (inkluż fi Skeda I) u dan bi ksur ta' Regolament 5(3) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

8. ikkaccjaw jew ippruvaw jikkaċċjaw xi għasfur, jew ġarrew munizzjon jew arma tan-nar barra mill-għata tagħha waqt l-istaġun magħluq għall-kaċċa tal-għasafar mhux minn fuq il-baħar bi ksur ta' Regolament 18(1)(a);

9. ikkaċċjaw jew ippruvaw jikkaċċjaw, ħadu jew ippruvaw jieħdu xi għasfur b'xi mezz bejn sagħtejn wara nżul ix-xemx u sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx tal-għada filgħodu bi ksur ta' Regolament 19(1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

10. ikkaċċjaw, weġġgħu, ħadu jew ippruvaw jikkaċċjaw, weġġgħu jew jieħdu xi għasfur f'santwarju tal-għasafar u ċioè fil-madwar ta' Kennedy Grove u s-Salini u dan bi ksur ta' Regolament 24(a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

11. f'xi waqt u b'liema mezz ikun, kellhom fil-pussess tagħhom jew fil-kontroll tagħhom xi għasfur ħaj jew mejjet, jew parti minn għasfur f'santwarju tal-għasafar u ċioè fil-madwar ta' Kennedy Grove u s-Salini, u dan bi ksur ta' Regolament 24(b) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

12. kellhom fil-pussess tagħhom jew fil-kontroll tagħhom xi arma tan-nar, munizzjon jew kull mezz ieħor għall-kaċċa jew għat-teħid ta' xi għasfur f'santwarju tal-għasafar u ċioè fil-madwar ta' Kennedy Grove u s-Salini u dan bi ksur ta' Regolament 24(c) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

13. kellhom fil-pussess tagħhom xi eżemplari li l-importazzjoni tiegħu taqa' taħt ir-Regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora mingħajr ma żammew fil-pussess tagħhom, u għaż-żmien kollu li dak eżemplari kien fil-pussess tagħhom, kull permess, ċertifikat u liċenzja li jkollhom x'jaqsmu mal-importazzjoni ta' dak l-eżemplari u dan bi ksur ta' Regolament 7 tal-A.L. 236 tal-2004;

aktar talli fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Ġunju 2013 f'Wied Qannotta l/o Burmarrad fil-vettura ta' Justin Attard, tal-għamla Mitsubishi Pajero b'numru ta' reġistrazzjoni BAG 867:

14. żammew lil xi għasfur, kemm ħaj kemm mejjet, jew parti minn xi għasfur, li l-kaċċa jew it-teħid tiegħu huma projbiti taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaġġi, u ċioè Fjamingu *Phoenicopterus ruber* bi ksur tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi peress li ma kienx għasfur li ġie dikjarat u reġistrat ma' l-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u meta ma kellhomx il-permessi, jew ċertifikati mill-Awtorita' Kompetenti sabiex iżommu dak l-għasfur, bi ksur ta' Regolament 4(1)(e) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

15. żammew għasfur, kemm ħaj kemm mejjet, jew parti minn xi għasfur mhux imsemmi fl-Iskeda II jew fl-Iskeda III tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, u ċioè Fjamingu *Phoenicopterus ruber*, meta dak l-għasfur ma kienx ittieħed fi Stat Membru ieħor fejn ikun jista' jittieħed jew jinqabad legalment taħt id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi kif ukoll taħt il-liġijiet ta' dak l-Istat Membru l-ieħor u dan l-għasfur ma kienx miġjub Malta wara l-1 ta' Mejju 2004, bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-A.L. 79 ta' 1-2006 hekk kif emendat;

16. naqsu milli jżommu fil-pussess tagħhom u għall-perjodu kollu li kienu fil-pussess ta' kampjun, u ċioè ta' Fjamingu *Phoenicopterus ruber*, il-permessi, ċertifikati u dokumenti oħrajn kollha li jippruvaw għas-sodisfazzjon tal-Awtorita' Kompetenti li dak il-kampjun ma kienx miksub kontra d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

17. kellhom fil-pussess tagħhom xi eżemplari li l-importazzjoni tiegħu taqa' taħt ir-Regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerċ fi Speċi ta' Fawna u Flora mingħajr ma żammew fil-pussess tagħhom, u għaż-żmien kollu li dak l-eżemplari kien fil-pussess tagħhom, kull permess, ċertifikat u liċenzja li

jkollhom x'jaqsmu mal-importazzjoni ta' dak l-eżemplari u dan bi ksur ta' Regolament 7 tal-A.L. 236 tal-2004;

Lil *Omissis*, Justin Attard u *Omissis* akkużati talli fl-4 ta' Ġunju 2013 għall-ħabta ta' nofsinhar u fis-snin ta' qabel, fil-fond 34, "Nightingale", Trig A. Darrel, Naxxar:

18. żammew lil xi għasafar, kemm ħajjin kemm mejtin, jew parti minn xi għasafar, li l-kaċċa jew it-teħid tagħhom huma projbiti taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (uħud minnhom inklużi fi Skeda I) meta dawk l-għasafar ma kienux ġew dikjarati u rreġistrati mal-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u mingħajr ma kellhom il-permessi, jew ċertifikati mill-Awtorita' Kompetenti sabiex iżommu dawk l-għasafar, bi ksur ta' Regolament 4(1)(e) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

19. żammew għasafar, kemm ħajjin kemm mejtin, jew parti minn xi għasafar mhux imsemmija fl-Iskeda II jew fl-Iskeda III tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, meta dak l-għasfur ma kienx ittieħed fi Stat Membru ieħor fejn ikun jista' jittieħed jew jinqabad legalment taħt id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (uħud minnhom inklużi fi Skeda I) kif ukoll taħt il-liġijiet ta' dak l-Istat Membru ieħor u dan l-għasfur ma kienx miġjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004, bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

20. kellhom fil-pussess tagħhom xi għasfur jew għasafar ibbalzmati li l-ispeċi tagħhom mhux inkluża fl-Iskeda III li tinsab mar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u li ma kienux ġew reġistrati mas-Sezzjoni fiż-żmien stipulat fis-sub-regolament (6) ta' Regolament 21 tal-A.L. 79 ta1-2006 bi ksur ta' Regolament 21(5) tal-A.L. 79 tal-2006;

21. naqsu milli jżommu fil-pussess tagħhom u għall-perjodu kollu li kienu fil-pussess ta' kampjuni l-permessi, ċertifikati u dokumenti oħrajn kollha li jippruvaw għas-sodisfazzjon tal-Awtorita' Kompetenti li dawk il-kampjuni ma kienux miksuba kontra d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

Lil Cliff Borg akkużat ukoll talli fl-4 ta' Gunju 2013 għall-ħabta ta' nofsinhar u fis-snin ta' qabel, fil-fond Attard's Flat, Flat 2, Triq Tonna Cejlu, Mosta:

22. żamm lil xi għasafar, kemm ħajjin kemm mejtin, jew parti minn xi għasafar li l-kaċċa jew it-teħid tagħhom huma projbiti taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (uħud minnhom inklużi fi Skeda I) meta dawk l-għasafar ma kienux ġew dikjarati u rreġistrati mal-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u mingħajr ma kellu l-permessi, jew ċertifikati mill-Awtorita' Kompetenti sabiex iżomm dawk l-għasafar, bi ksur ta' Regolament 4(1)(e) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

23. żamm għasafar, kemm ħajjin kemm mejtin, jew parti minn xi għasafar mhux imsemmija fl-Iskeda II jew fl-Iskeda III tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi, meta dak l-għasfur ma kienx ittieħed fi Stat Membru ieħor fejn ikun jista' jittieħed jew jinqabad legalment taħt id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409/KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi (uħud minnhom inklużi fi Skeda I) kif ukoll taħt il-liġijiet ta' dak l-Istat Membru l-ieħor u dan l-għasfur ma kienx miġjub f'Malta wara l-1 ta' Mejju 2004, bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

24. kellu fil pussess tiegħu xi għasfur jew għasafar ibbalzmati li l-ispeċi tagħhom mhux inkluża fl-iSkeda III li tinsab mar-

Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u li ma kienux ġew reġistrati mas-Sezzjoni fiż-żmien stipulat fis-sub-regolament (6) tar-Regolament 21 tal-A.L. 79 tal-2006 bi ksur tar-Regolament 21(5) tal-A.L. 79 ta1-2006;

25. naqas milli jżomm fil-pussess tiegħu u għal perjodu kollu li kien fil-pussess ta' kampjuni il-permessi, ċertifikati u dokumenti oħrajn kollha li jippruvaw għas-sodisfazzjon tal-Awtorita' Kompetenti li dawk il-kampjuni ma kienux miksuba kontra d-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u dan bi ksur ta' Regolament 4(1)(f) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

<u>Lil *Omissis*, Justin Attard, Cliff Borg u *Omissis* akkużati wkoll talli fis-snin ta' qabel:</u>

26. ittrasferixxew jew b'xi mod ieħor iddisponew minn xi għasfur imsemmi fis-sub-regolament (1)(e) tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzioni tal-Għasafar Selvaġġi mingħajr ma għamel talba lid-Direttur tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Ambjent fi ħdan l-Awtorita' ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar u mingħajr ma' kellu awtorizzazzjoni bil-miktub ta' dak it-trasferiment jew disponiment mingħand l-istess Direttur bi ksur tar-Regolament 4(2) tal-A.L. 79 ta1-2006 hekk kif emendat;

<u>talli fl-4 ta' Ġunju 2013 għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar (15:00hrs) f'razzett fl-akkwati tal-Qarbuni l/o Wardija</u>:

27. żammew kwalunkwe apparat li l-użu tiegħu huwa pprojbit taħt is-sub-regolament (1) ta' Regolament 7 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u ċioè lixka ta' għasfur protett.

Il-Qorti ġiet mitluba titratta mal-imputati Justin Attard u Cliff Borg bħala recidivi ta' diversi sentenzi li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula u dan *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll illi barra li tagħti l-piena taħt ir-Regolament 27(2)(b) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u r-revoka permanenti ta' kull liċenzja jew permess maħruġa taħt ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi u taħt it-Taqsima XV tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija għall-perjodu applikabbli taħt l-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll illi barra li tagħti l-piena taħt Regolament 8(2) tal-A.L. 236 tal-2004 tordna l-konfiska tal-*corpus delicti.*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-13 ta' Jannar 2016, fejn il-Qorti, filwaqt li lliberat lil *Omissis* u lil *Omissis* mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tagħhom, wara li rat l-Artikoli tal-liġi msemmija minnha, sabet lill-imputati Justin Attard u Cliff Borg ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrihom u kkundannathom sentejn priġunerija kull wieħed kif ukoll multa ta' disat'elef Euro (€9,000) kull wieħed. Il-Qorti ordnat ir-revoka permanenti ta' kull liċenzja maħruġa liż-żewġ appellanti allura imputati taħt ir-Regolamenti 504.71 tal-Liġijiet ta' Malta u ordnat il-konfiska tal-oġġetti eżebiti. Il-Qorti ordnat liż-żewġ appellanti allura imputati sabiex solidalment bejniethom iħallsu l-ispejjeż tal-Inkjesta Maġisterjali ammontanti għal tlitt elef, tliet mija u ħamsa u tmenin Euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€3,385.24). Il-Qorti fissret fi kliem ċar il-portata tas-sentenza lill-appellanti allura imputati.

Rat ir-Rikors tal-appellanti Justin Attard u Cliff Borg ippreżentat fil-25 ta' Jannar 2016 fejn talbu lil din il-Qorti sabiex: "*jogħġobha tilqa' dan l-appell billi* ***<u>TĦASSAR U TIRREVOKA</u>*** *s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti ħatja tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfronti tagħhom, u dan billi tiddikjarahom mhux ħatja tagħhom u*

*konsegwentement tilliberahom minnhom; alternattivament* ***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-każ."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2024, lill-konsulenti legali jagħmlu sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm u dana b'żieda ma' dak li kien diġa' ngħad quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-13 ta' Jannar 2016. Għal kull buon fini jingħad li quddiem l-Ewwel Qorti tressqu erba' persuni: iż-żewġ appellanti kif ukoll ċertu Edgar Attard u Massimo Parnis. L-erbgħa li huma ġew mixlija b'numru ta' imputazzjonijiet b'dan illi Edgar Attard u Massimo Parnis ma ġewx misjuba ħatja tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tagħhom u b'hekk ġew liberati. Din is-sentenza hija dwar l-appell imressaq mill-appellanti Justin Attard u Cliff Borg.

Illi l-fatti tal-każ jirriġwardaw qtil illegali ta' fjamingu bejn il-lejl tat-3 u l-4 ta' Ġunju 2013 fir-riżerva naturali tas-Salini. Fost tfittxijiet li saru mill-Pulizija nstabet vettura mwaħħla fuq ġebla kif ukoll imsakkra. Fuq in-naħa tal-passiġġier deher li kien hemm xi rix li wara rriżulta li kien tal-istess fjamingu li nqatel. Waqt l-

investigazzjoni l-Pulizija interrogaw lil Edgar Attard (missier l-appellant Justin Attard) liema persuna ma kienx id-dar. Meta ġie mistoqsi mill-Pulizija fejn kien huwa ta risposti vagi ħafna. Waqt l-investigazzjoni l-Pulizija marru wkoll fl-għalqa li kienet użata mill-appellant Justin Attard u hemm il-Pulizija ltaqgħu mal-appellant l-ieħor Cliff Borg (il-kuġin ta' Justin Attard). Minn investigazzjoni li saret fid-dar tal-appellant Borg instabu numru ta' tjur ibbalzmati li ngħad li kienu protetti. Sussegwentement saret *ID Parade* fejn nies li kienu raw l-avveniment identifikaw lil Justin Attard bħala l-perpetratur tar-reat. Mid-deskrizzjoni mogħtija mix-xhieda okulari jirriżulta li wara li l-appellant Justin Attard allegatament spara fuq il-fjamingu xi ħadd li kien qed isuq vettura bajda ġabru minn fuq il-post u ħarbu flimkien.

Illi fir-Rikors tal-appell tagħhom, l-appellanti jressqu numru ta' aggravji u din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tistħarriġhom wieħed wieħed. Iżda qabel ma din il-Qorti tidħol fil-mertu ta' dan l-appell hija tinnota li huwa ben magħruf li hija ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm din tkun waslet għall-konklużjoni tagħha legalment u raġonevolment. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha,

> allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħhom.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-ewwel aggravju tagħhom l-appellanti jilmentaw li l-Ewwel Qorti naqset milli ssegwi d-dettami tal-liġi u dana minħabba li minkejja li dan il-każ kien dwar proċedura sommarja, il-Qorti naqset milli tagħlaq il-każ wara seduta waħda.

Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-interpretazzjoni stretta mogħtija mill-appellanti rigward il-proċedura sommarja. Riferenza ser issir l-ewwel għal dak li jiddisponi Artikolu 377(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

> "Meta jingħalaq is-smigħ tal-kawża, il-qorti, dak in-nhar stess, jekk jista' jkun, tagħti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna l-imputat." [emfażi miżjuda]

Illi filwaqt li huwa minnu li l-proċeduri sommarji ma għandhomx jiddilungaw iżda l-liġi ma tistabbilixxix dak li qed jgħidu l-appellanti. Din il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija fis-26 ta' Jannar 2017 fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. George Portelli et** (Numru 182/2015) fejn din il-Qorti qalet hekk:

> "Illi kif tajjeb jirrileva l-Avukat Ġenerali fir-rikors tiegħu ta' l-appell, għalkemm il-kawżi bħal dak taħt il-lenti tal-Qorti, huma kawżi ta' natura sommarja u allura iridu jiġu segwieti id-dettami ta' l-artikolu 377(1) (ġa artikolu 389) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, madanakollu dan ma għandux isir għas-skapitu tar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja. Illi saħansitra meta xhud ma jidhirx għall-udjenza mingħajr ġustifikazzjoni, il-qrati tagħna dejjem taw lill-partijiet l-opportunita' li l-

kawża tiġi differieta sabiex jinstema x-xhud. *Multo magis* f'dan il-każ fejn ix-xhud saħansitra ressaq talba tempestivament, u ċioè jumejn qabel is-smigħ tal-każ, sabiex il-kawża tiġi differita billi huwa ma setax jattendi minħabba f'indisposizzjoni – talba *del resto* li ġiet kompletament injorata mill-Ewwel Qorti billi r-rikors baqa' qatt ma ġie iddekretat. Illi ġie deċiż:

> **"Il-fatt li xhud ma jidhirx għal udjenza partikolari ma jfissirx li huwa prekluż milli jixhed f'udjenza oħra, u dan anke f'kawżi sommarji. Ma hemm xejn fil-liġi u fil-ġurisprudenza li b'xi mod jissuffraga tali proposizzjoni. Jekk xhud, debitament notifikat, ma jidhirx u l-parti li tkun talbitu ma tirrinunzjax għalih, il-qorti għandha tgħaddi biex tipprovdi skont il-liġi kontra dak ix-xhud u tiddifferixxi sabiex huwa jinstema' f'udjenza oħra. Jekk ix-xhud tal-Prosekuzzjoni ma jidhirx u (i) il-Prosekuzzjoni ma tippreżentax riferta jew (ii) ir-riferta tkun waħda negattiva u n-nuqqas ta' notifika jkun attribwibbli għal xi nuqqas tal-Prosekuzzjoni, il-Qorti tista' tibqa' għaddejja bis-smigħ tal-kawża u, jekk ma jkunx hemm raġuni oħra għal differiment, tista' wkoll tgħaddi minnufih għas-sentenza."**[1]

Dan ifisser, allura, illi hemm żewġ ċirkostanzi biss fejn il-Qorti f'kawżi ta' natura sommarja hija ġustifikata tgħaddi għas-sentenza fin-nuqqas ta' smigħ ta' xi xhud u dan meta jew il-Prosekuzzjoni tonqos milli turi li tagħmel dmirha billi ma tippreżentax riferta li tindika illi sar it-tentattiv biex jiġi innotifikat ix-xhud jew meta ikun hemm riferta negattiva li madanakollu tindika illi x-xhud ma ikunx ġie notifikata minħabba xi nuqqas minn naħa tal-Prosekuzzjoni. F'dan il-każ, l-ebda waħda minn

[1] "App. Inf – **Il-Pulizija vs. Peter Ferdinans k/a Pierre Sammut** deċiża 23/09/2002."

> dawn iż-żewġ ipoteżijiet ma ivverifikat ruħha u kwindi l-Ewwel Qorti kienet fid-dmir li tiddiferixxi il-kawża għal data oħra sabiex jinstemgħu ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u mhux tgħaddi għas-sentenza mingħajr ma tisma provi u mbagħad tiddikjara li qed issib il-kunflitt fihom!"

Illi tenut kont ta' dak li jistabbilixxi Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u tenut kont ta' dak li ġie ċċitat hawn fuq li din il-Qorti taqbel miegħu, b'hekk l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tieni aggravju</u> huwa aggravju fil-mertu rigward l-appellant Justin Attard. L-appellant Attard jilmenta li meta ġara l-inċident kien tard bil-lejl u li għalhekk huwa inverosimili kif ix-xhieda okulari setgħu qatt jgħarrfuh in vista tad-distanza li kien hemm bejn il-persuna li spara u l-appartamenti tagħhom. Huwa jgħid dan minħabba li l-ġuvni li raw jiġri wara kokka fil-ħaxix kien mat-tarf tal-kosta fid-dlam ċappa filwaqt li huma kienu fl-appartament tagħhom. Jirreferi għax-xiehda mogħtija mix-xhud Alexander Melius fejn dan jgħid li ra tifel qalb il-ħaxix jiġri wara kokka, filwaqt li quddiem il-Maġistrat Inkwirenti jsemmi li huwa ma setax jara sew tant li wara l-inċident huwa għamel nuċċali. Minħabba li huwa ma kienx qed jara tajjeb huwa niżel isfel iżda l-persuna kienet laħqet telqet.

Illi l-appellant Attard jirreferi wkoll għax-xiehda mogħtija minn Alexander Laurence u Cassandre Sure' u l-fatt li bejniethom ma qablux. Minbarra dan jirreferi għal inkongruenzi fejn xhud jgħid li l-vettura ġiet minn naħa ta' Triq il-Kosta waqt li xhud ieħor jgħid li l-vettura ġiet minn naħa ta' Paceville. Isemmi ukoll li Alexander Melius insista fid-deskrizzjoni tal-kaċċatur bħala *"boy"* waqt li identifika raġel ta' ħamsa u għoxrin (25) sena li żgur ma jidentifikax bħala *"boy"*. Isemmi wkoll inkongruenzi ta' kif xhieda rawh jitfa' fjamingu fuq wara tal-vettura meta dan l-għasfur baqa' ma nstabx f'din il-vettura.

Illi jilmenta wkoll mill-fatt li huwa kien iħalli ċ-ċwievet fil-vettura u allura kulħadd seta' jagħmel użu minnha. Jgħid li l-fatt li nstabet rixa li tixbaħ dik ta' fjamingu ma hijiex konklussiva.

Illi rigward l-*identification parades* li saru, l-appellant Justin Attard jilmenta li l-persuni li nstabu jipparteċipaw kienu Pulizija u ma humiex ta' l-istess klassi soċjali tiegħu. Jargumenta li l-persuni li ntagħżlu huma akbar fl-eta' minnu. Jisħaq li minħabba f'hekk il-persuni li ġew imsejħa sabiex jagħmlu l-identifikazzjoni ġew suġġestjonati.

Illi din il-Qorti tibda billi tindirizza proprju dan l-aħħar punt u f'dan ir-rigward tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Ġunju 2023 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Patrick Mangion** (Numru 15/2021) fejn il-Qorti Kriminali qalet hekk:

> "46. Allura a differenza ta' dak li kien isir fl-1998, illum almenu l-liġi tispjega u teżiġi li meta uffiċjal investigatur ikun jixtieq jagħmel xi parata tal-identità jew identifikazzjoni ta' oġġetti, dawn għandhom isiru minn Maġistrat li għandu jieħu dawk il-passi li jkunu jiżguraw li ma jkun hemm ebda suġġeriment jew influwenza esterna fuq il-persuna li tissejjaħ biex tagħraf lill-persuna jew l-oġġett. Il-ħtieġa li din il-parata ta' identifikazzjoni ssir minn Maġistrat hija però imperattiva. Mill-banda l-oħra kif issir dik il-parata – jekk hux b'*line up* fiżiku jew *photo line-up* u kif din tiġi żvolta tibqa' materja fluwida.
>
> 47. Parata tal-identita' kondotta fiżikament, tipikament issir billi għadd ta' persuni jiġu fiżikament skjerati wara ħġieġa biex xhud jew vittma jkunu jistgħu jaraw jekk fost dawk skjerati jidentifikawx lil persuna li tkun ikkommettiet ir-reat. Din il-proċedura normalment issir f'postijiet adatti u mgħammra bi ħġieġ speċjali msejjaħ *"oneway mirror"* li jippermetti lix-xhud jew vittma li jaraw lil persuni skjerati mentri dawn ma jkunux jistgħu jaraw lil min ikun wara l-mera. Din il-modalita' hija riferita bħala *"line-up"*.

> 48. Imma metodu ieħor kif tali *line-up* ikun jista' jsir huwa tramite lużu ta' fotografiji. Din tkun tissejjaħ *"Photo line-up"* u li, a differenza tal-*"line-up"* fiżiku il-vittma jew xhud ma jiġux murija persuni skjerati wara mera, iżda jiġu murija sett ta' ritratti fotografiċi jew mezzi oħra viżivi ta' persuni biex minn fosthom jaraw jagħrfux lil dik il-persuna li tkun ikkommettiet ir-reat.
>
> 49. *"Photo line-up"* hija għalhekk speċi ta' *"identity parade"* u għalhekk strettament tkun trid tħares ir-regoli relattivi għall-parati ta' identifikazzjoni. Għall-fini biex tiġi determinata l-identifikazzjoni ta' persuna, il-liġi illum teħtieġ li din il-proċedura ssir minn Maġistrat li għandu jieħu dawk il-passi li jkunu jiżguraw li ma jkun hemm ebda suġġeriment jew influwenza esterna fuq il-persuna li tissejjaħ biex tagħraf lill-persuna jew l-oġġett."

Illi din il-Qorti rat ir-ritratti tal-parata (*a fol.* 204 *et seq.* tal-Inkjesta Maġisterjali) u ma tarax li hemm xi elementi li jidentifikaw lill-appellant Attard mill-persuni l-oħra li hemm fil-*parade* għalhekk l-ilment imressaq mill-appellant f'dan ir-rigward għandu jiġi miċħud.

Illi din il-Qorti qieset fid-dettall il-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni b'dan illi ħadet in konsiderazzjoni b'mod partikolari r-riżultat tad-DNA fejn fir-rapport tagħha (*a fol.* 448 *et seq.* tal-Inkjesta Maġisterjali) Dr. Marisa Cassar tikkonferma li r-rixa li nstabet fil-vettura hija l-istess tal-fjamingu li nqatel. Apparti dan, din il-Qorti tinnota li l-appellant ġie rikonoxxut waqt il-*parade* (*a fol.* 25 *et seq.* tal-Inkjesta Maġisterjali) minn aktar minn persuna waħda u anke snin wara minn Adam Lawrence waqt id-depożizzjoni tiegħu (*a fol.* 274 *et seq.*) quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta. Tabilħaqq din il-Qorti tifhem li l-inkongruenzi li hemm bejn ix-xhieda huwa testimonjanza tal-fatt li huma ma ftehmux dwar dak li kellhom xi jgħidu. Din il-Qorti hija sodisfatta li x-xhieda jaqblu fil-fatti prinċipali. Frankament din il-Qorti ma temminx il-verżjoni mogħtija mill-appellant Attard li huwa kien iħalli l-vettura miftuħa u dana anke minħabba l-fatt li

meta nstabet, din kienet imsakkra. Kieku kien iħalliha miftuħa kienet tinstab miftuħa u mhux imsakkra!

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tikkunsidra li fir-rigward ta' Justin Attard l-Ewwel Qorti kienet ġustifikata li tasal għal konklużjoni li waslet għaliha u konsegwentement l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tielet aggravju jirrigwarda lill-appellant Cliff Borg. L-ilment fih idur mal-fatt li l-Ewwel Qorti naqset milli timmotiva r-raġunament tagħha.

Illi filwaqt li din il-Qorti dejjem tħeġġeġ lill-Qrati tal-Maġistrati sabiex jimmotivaw id-deċiżjoni tagħhom speċjalment f'każ ta' sentenza ta' ħabs effettiv, pero' riferenza sejra ssir għal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta dwar l-applikazzjoni ta' Artikoli 377 u 382 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward fis-sentenza mogħtija fit-28 ta' Frar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Fabrizio Lambelet** (Numru 102/2022) ingħad hekk:

> "Din id-disposizzjoni tal-liġi allura ma tinneċessitax illi s-sentenza tinkiteb mill-Maġistrat jew inkella li din tkun waħda motivata. Illi fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Albert Bezzina**[2] intqal:
>
> [...]
>
> Magħdud dan madanakollu r-*ratio legis* wara l-Artikolu 382 huwa illi s-sentenza tkun ċara fis-sens illi kemm il-persuna akkużata kif ukoll kull min huwa parti fid-deċiżjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkużata tkun qed tiġi misjuba ħatja, tagħti l-piena għal dawk il-fatti li qed jistabbilixxu r-reita' u jissemmew id-dispożizzjonijiet tal-liġi li dwarhom qed

[2] "Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-25 ta' Lulju 1994."

> tinstab il-ħtija. Issa ma hemmx dubbju illi d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti hija ċara fis-sens illi sabitu ħati tal-akkużi kollha salv it-tieni akkuża però filwaqt li fis-sentenza mogħtija fil-verbal hemm liberazzjoni mit-tieni akkuża fis-sentenza dattilografata ma hemmx referenza għat-tieni akkuża u għalhekk la ġie misjub ħati tagħha u lanqas ma ġie liberat minnha." [emfażi miżjuda]

Illi din il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Novembru 2018 fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Maria Victoria Grech** (Numru 219/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Din il-Qorti temmen li f'kawżi bħal din in eżami fejn si tratta ta' allegata offiża ħafifa fuq il-persuna ta' żewġ minuri minn ommhom, ikun ta' benefiċċju għal partijiet kollha li titniżżel il-motivazzjoni li abbażi tagħha l-Qorti tkun waslet għal deċiżjoni ta' ħtija. Minkejja dan, stante li jirriżulta li l-Qorti fis-sentenza appellata niżlet l-imputazzjoni, l-artikolu li dwaru sabet il-ħtija u l-piena f'dan il-każ il-liberta' kundizzjonata jfisser li l-kweżiti tal-Artikolu 382 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ġew rispettati u għaldaqstant din il-Qorti ma tistax tilqa' l-ewwel aggravju tal-appellant. In-nuqqas ta' motivazzjoni ta' sentenza ma twassalx għan-nullita' tas-sentenza u f'dan ir-rigward din il-Qorti tħoss li hemm lok li ssir emenda fejn ikun rikjest li f'sentenza jitniżżel il-ħsieb jew motivazzjoni li jkun wassal lil dik il-Qorti għad-deċiżjoni li waslet għaliha."

Illi apparti dak li ngħad hawn fuq li din il-Qorti tagħmlu tagħha, din il-Qorti tinnota li fl-aggravju in eżami l-appellant Cliff Borg jisħaq li jkun opportun li din il-Qorti terġa' tisma x-xhieda kollha sabiex tagħmel apprezzament aħjar tal-provi u sabiex dan ikun rifless fil-motivazzjoni tas-sentenza, f'każ ta' ħtija. Għal kull buon fini jingħad li din il-Qorti diversament preseduta reġgħet ħadet ħsieb li tisma x-xhieda (it-traskrizzjoni ta' liema tinsab fl-atti) u dana minħabba r-raġuni li tirriżulta fl-atti proċesswali.

Illi rigward l-involviment tal-appellant Cliff Borg din il-Qorti mingħajr tlaqliq tgħid li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova sodisfaċenti li huwa kien involut fl-avveniment mertu ta' dan il-każ. Il-fatt li kien fil-viċinanza tal-għalqa li kien juża l-appellant l-ieħor ma jirrendihx awtomatikament kompliċi tar-reat imwettaq mill-appellant Justin Attard. Għalhekk din l-Qorti ser tillibera lill-appellant Cliff Borg mill-ewwel (1), mit-tieni (2), mit-tielet (3), mir-raba' (4), mill-ħames (5), mis-sitt (6), mis-seba' (7), mit-tmien (8), mid-disa' (9), mill-għaxar (10), mill-ħdax (11), mit-tnax (12), mit-tlettax (13), mill-erbatax (14), mill-ħmistax (15), mis-sittax (16) u mis-sbatax (17) il-imputazzjoni.

Illi hija storja oħra f'dak li jirrigwarda l-imputazzjonijiet enumerati tnejn u għoxrin (22) sa seba' u għoxrin (27). Fix-xiehda tiegħu mogħtija fit-28 ta' Ġunju 2018 (*a fol.* 282 *et seq.*), Stanley Gatt xehed li fil-konfront ta' Cliff Borg kellu *decoy* tal-għasfur li huwa protett u minbarra dan kellu xi għasafar li ma kienux jaqaw taħt Skeda II jew III u li ma kienux ġew dikjarati. Minbarra dan mill-istess xiehda jirriżulta li Cliff Borg kien iddispona minn numru ta' għasafar mingħajr il-permessi neċessarji. Għalhekk jirriżultaw ippruvati l-imputazzjonijiet imsemmija (tnejn u għoxrin (22) sa sebgħa u għoxrin (27)).

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, l-aggravju in eżami ser jiġi milqugħ parzjalment.

**Ikkunsidrat**

Illi r-<u>raba' aggravju</u> jirrigwarda ż-żewġ appellanti li fih huma jilmentaw li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq l-aqwa prova billi ma sarx *gunshot residue test*. Jissottomettu li jidher ċar li sa mill-bidu nett il-Prosekuzzjoni kellha dubju serju dwar min verament kien qiegħed jikkaċċja l-fjamingu fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Ġunju 2013 ġewwa s-Salini. Jgħidu li huma tressqu l-Qorti ħdax-il xahar wara li seħħ l-akkadut.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq il-provi kollha, kemm kontra kif ukoll a

favur l-imputati, b'dan illi hija fid-diskrezzjoni tagħha li tara jekk fil-fehma tagħha hija tkun ressqet provi sufficjenti u tiddeċiedi għandhiex għalfejn tkompli tressaq il-provi. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Gerada** (Numu 237/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "38. Ir-regola proċedurali bażi hija dik li l-Prosekuzzjoni trid iġġib il-quddiem l-iktar prova sħiħa u b'saħħitha nonche' l-aqwa prova. Iżda jekk l-imputat ikun jidhirlu li l-Prosekuzzjoni kellha ġġib xi prova u din il-prova ma tkunx ġiet prodotta mill-Prosekuzzjoni, dan ma jkunx ifisser li minħabba f'hekk il-każ tal-Prosekuzzjoni jkun difettuż. Fl-evalwazzjoni tal-każ li jkollha quddiemha l-Qorti trid tħares lejn il-kwadru probatorju kollu u mhux lejn biċċiet ta' evidenza meqjusa singolarment u b'mod spezzettat. Jekk il-Prosekuzzjoni jkun jidhrilha li bil-provi li tkun ressqet, hija tkun diġà pruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, il-Prosekuzzjoni tista' tieqaf hemm. Imbagħad jispetta lill-ġudikant li jagħmel eżerċizzju ta' apprezzament ta' dawk il-provi u jqis jekk kinux tassew jissodisfaw dak il-livell ta' sufficjenza probatorja biex jirnexxu b'suċċess l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat. Kif ġie mistqarr fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Richard Calleja** deċiż nhar it-2 ta' Ottubru 2014, l-Artikolu 638(1) tal-Kodiċi Kriminali, juża' d-diċitura 'bħala regola' u għalhekk:
>
>> "Dan ifisser, kwindi, illi jekk il-Prosekuzzjoni għal xi raġuni tħalli barra xi xhud ma jfissirx illi b'daqshekk il-każ tagħha jkun kompromess, kollox jiddependi mill-assjem tal-provi miġbura u kemm dawn iwasslu sa dak il-konvinċiment morali f'moħħ il-ġudikant illi l-imputat għandu jkun responsabbli għall-akkużi addebitati lilu. F'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni ddeċidiet illi lil Carmelo Caruana ma ttellgħux bħala xhud

> f'din il-kawża. Kienet fid-diskrezzjoni tal-Prosekuzzjoni ttellgħux jew le din id-deċiżjoni żgur li m'għandhiex taffetwa l-kumplament tal-provi prodotti illi fuqhom il-Qorti għandha tibbaża d-deċiżjoni tagħha. U hekk għamlet l-ewwel Qorti.""

Illi filwaqt li din il-Qorti taqbel ma' dak appena ċċitat u tagħmlu tagħha, minħabba f'hekk ma hemmx għalfejn li din il-Qorti tagħmel konsiderazzjonijiet oħra dwar l-aggravju in eżami li per konsegwenza qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi fil-ħames aggravju l-appellanti jilmentaw dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Jisħqu li ma kienx hemm bżonn li l-Ewwel Qorti tapplika l-massimu taż-żmien ta' priġunerija u kif ukoll kważi l-massimu tal-ammont tal-multa meta l-liġi tagħti l-possibbilita' lill-Ġudikant biex jagħżel bejn multa u priġunerija stante li din hija qrib il-massimu li setgħet tingħata u li l-każ huwa biss dwar għasfur wieħed. L-appellanti jagħmlu riferenza għal numru ta' sentenzi mill-Qrati in sostenn ta' dak imressaq minnhom fl-aggravju in eżami.

Illi din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva

meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. [...] Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena."

Illi jkun opportun li jiġi nnutat li l-piena ma għandhiex l-iskop ta' tpattija minn naħa tas-soċjeta' kontra min iwettaq ir-reat iżda għandha l-iskop li teduka u tirriforma lill-ħatja ta' reati ħalli dawn jkunu jistgħu jerġgħu jiġu reintegrati fis-soċjeta' u b'hekk ikunu ta' kontribut għas-soċjeta'. B'hekk il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni wkoll l-element retributtiv u l-element preventiv. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Clifford Gatt Baldacchino** (Numru 243/2019) fejn dwar il-prinċipju tal-piena din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"12. [...] Dan peress li l-ġustifikazzjoni tal-imposizzjoni tal-piena fl-eżerċizzju tad-Dritt Penali modern hija pernjata fuq tliet prinċipji kardinali u tiffoka fuq tliet effetti prinċipali, jiġifieri l-effett:

(a) Retributtiv;
(b) Preventiv; u
(ċ) Riedukattiv jew rijabilitattiv tal-piena.

13. L-aspett retributtiv tal-piena huwa, skont il-ġurista Francesco Carnelutti, dak li jservi biex jirristabbilixxi moralment is-sitwazzjoni għal kif kienet qabel ma seħħet il-ħsara bil-kommissjoni tar-reat. Il-ħati jrid jagħmel tajjeb għall-azzjoni vjolattiva tad-dritt penali kommessa minnu u li tkun kisret il-paċi u trankwillita' soċjali.

14. L-aspett preventiv tal-piena huwa dak li jrid jassigura li l-piena tkun strument li bih, grazzi għal biża' li s-sanzjoni li tkun tista' tingħata toħloq f'moħħ il-persuni, b'mod li dak li jkun jerġa' jaħsibha darbtejn qabel ma jikkommetti reat. Fi kliem ieħor, minħabba l-biża' li teħel il-piena, persuna tiġi mġiegħla tixtarr sew il-konsegwenzi t'egħmilha **qabel** ma twettaq l-att kriminuż.

15. L-effett preventiv għalhekk huwa dupliċi: wieħed ta' natura ġenerali u l-ieħor ta' natura speċjali. L-effett preventiv ġenerali huwa dak li bis-saħħa tal-liġi penali li tistabbilixxi l-piena, l-kollettivita' tiġi kemm jista' jkun miżmuma milli tikkommetti reati minħabba l-biża' li tinkorri fil-piena jekk tinstab ħatja. Aktar ma' dik il-piena tiġi applikata fil-prattika, aktar dak l-effett preventiv ġenerali jkun laħaq il-mira tiegħu. L-aspett preventiv speċjali huwa dak li japplika għall-ħati innifsu, li jkun esperjenza fuqu personali l-effetti tal-piena, b'mod li darb'oħra jerġa' jaħsibha sew qabel ma jagħżel li jikser il-liġi. Jekk il-kollettivita' titlef din il-biża' mill-piena minħabba li l-liġi penali tibda titnaqqar fil-kwalita' jew kwantita' tal-piena jew inkella minħabba li l-pieni ma jiġux applikati bir-rigorosita' dovuta għall-fattispecie tal-każ, allura ma jkun hemm xejn li jġiegħel lill-kollettivita' milli tiddeżisti għax jekk tiddelinkwi mingħajr konsegwenza jew b'konsegwenza żgħira, isir konvenjenti għall-kollettivita' li tiddelinkwi. Dan iwassal għal proliferazzjoni ta' delinkwenza b'konsegwenzi nefasti għall-interessi tal-istess kollettivita'. Il-kollettivita' allura teħtieġ li l-piena jkollha aspett preventiv li jkun effettiv u effikaċi meħtieġ għall-eżistenza paċifika tal-istess kollettivita'. Altrimenti, il-kollass.

16. Finalment hemm l-aspett riedukattiv u rijabilitattiv tal-piena, li tikkonċentra mhux daqstant fuq l-aspett tal-ħtija speċifika tal-ħati u li għaliha tkun immirata l-

> azzjoni repressiva tal-piena, daqskemm fuq l-aspett ta' trattament terapewtiku individwali, immirat lejn ir-rijabilitazzjoni tal-ħati. Dan l-aspett rijabilitattiv huwa kruċjali għall-kollettivita' in kwantu jgħin lill-ħati jgħaddi minn proċess ta' riforma tiegħu innifsu biex jgħinu jinqata' mir-raġunijiet u l-kundizzjonijiet li jkunu wasluh biex jiddelinkwi, billi jagħraf iqum fuq saqajh, billi jibni ħajtu mill-ġdid u ma jibqax aktar ta' theddida għas-soċjeta' bħal meta kien fil-mument meta jkun iddelinkwa."

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-aggravju in eżami din il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll is-segwenti fil-konfront taż-żewġ appellanti:

- l-imputazzjonijiet jirrisalu għas-sena 2013 u għad-dewmien li ħa dan il-każ sabiex jiġi konkluż illum;

- il-fatt mill-fedina penali aġġornata taż-żewġ appellanti hekk kif eżebiti quddiem din il-Qorti jirriżulta li huma ilhom żmien twil ma jxellfu difrejgħhom mal-liġi.

Illi apparti dan, fir-rigward tal-appellant Justin Attard, din il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni wkoll is-*Social Inquiry Report* (Dok. "MFS 1" – *a fol.* 312 *et seq.*) li ġie mħejji fil-konfront tiegħu mill-Uffiċjal tal-*Probation* Matthew Fleri Soler u li ġie ppreżentat quddiem din il-Qorti diversament preseduta. Fir-rigward tal-multa ta' disat elef Euro (€9,000) li ġiet erogata fil-konfront tal-appellant Justin Attard, din il-Qorti tinnota li din taqa' fil-parametri tal-liġi u b'hekk tqies li ma hemmx lok li tiġi disturbata. Fir-rigward tal-piena ta' sentejn priġunerija, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq jirriżulta li f'dan il-każ din il-piena tonqos milli tieħu in konsiderazzjoni l-element rijabilitattiv. Għalhekk din il-Qorti ser tilqa' l-aggravju in eżami fir-rigward tal-appellant Justin Attard b'dan illi apparti l-multa imposta fuqu mill-Ewwel Qorti, huwa ser jiġi kkundannat għal piena ta' priġunerija t-terminu ta' liema ser ikun sospiż.

Illi, fir-rigward tal-appellant Cliff Borg, din il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni dak li ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza fir-rigward taż-żewġ appellanti nkluż il-fatt li din il-Qorti ser tilliberah mill-ewwel (1), mit-tieni (2), mit-tielet (3), mir-raba' (4), mill-ħames (5), mis-sitt (6), mis-seba' (7), mit-tmien (8), mid-disa' (9), mill-għaxar (10), mill-ħdax (11), mit-tnax (12), mit-tlettax (13), mill-erbatax (14), mill-ħmistax (15), mis-sittax (16) u mis-sbatax (17) il-imputazzjoni. Minħabba f'hekk, filwaqt li din il-Qorti ser tnaqqas il-multa ta' disat elef Euro (€9,000) erogata fil-konfront tal-appellant Borg, hija ser tneħħi l-piena ta' sentejn priġunerija.

Illi fir-rigward tar-revoka permanenti ta' kull liċenzja maħruġa liż-żewġ appellanti hekk kif deċiż fis-sentenza appellata, din il-Qorti hija tal-fehma, u dana tenut kont ta' dak li l-appellanti nstabu ħatja tagħhom (inkluż dak li jirriżulta mill-fedina penali rispettiva tagħhom), li din għandha tibqa' kif inhi u dana għajr dak li ser jingħad fid-*decide* hawn taħt.

Illi, fir-rigward tal-appellant Justin Attard, għal kull buon fini l-Qorti tagħmel tagħha l-insenjament tas-sentenza mogħtija fid-19 ta' Diċembru 2012 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Adrian Montanaro** (Numru 453/2011) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Naturalment din il-Qorti ma tistax timminimizza r-reat in kwistjoni. Huwa veru li s-sentenza ta' priġunerija ġiet sospiża iżda, bħalma ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Maurice Agius** mogħtija fit-13 ta' Novembru 2009, *"is-sentenza ta' priġunerija sospiża mhix, kif jaħsbu xi wħud, a let off jew sempliċement a slap on the hand. Min ikun ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija sospiża jrid ikun, matul il-perijodu operattiv tagħha, kif jgħid il-Malti, 'imqarar u mqarben', għax appena huwa, matul dak il-perijodu, jikkommetti xi reat ieħor li għalih hemm stabbilita piena ta' priġunerija, meta jinstab ħati ta' dak ir-reat l-ieħor tiġi attivata l-piena ta' priġunerija li tkun ġiet hekk sospiża, u dak li jkun ikollu allura jibda jiskontaha.""*

Għaldaqstant l-aggravju in eżami qed jiġi milqugħ fis-sens imsemmi hawn fuq.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellanti Justin Attard u Cliff Borg u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant Justin Attard ħati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tiegħu;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant Cliff Borg ħati tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu u dan għajr għal dik il-parti fejn huwa nstab ħati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4), tal-ħames (5), tas-sitt (6), tas-seba' (7), tat-tmien (8), tad-disa' (9), tal-għaxar (10), tal-ħdax (11), tat-tnax (12), tat-tlettax (13), tal-erbatax (14), tal-ħmistax (15), tas-sittax (16) u tas-sbatax (17) il-imputazzjoni minn liema imputazzjonijiet imsemmija qed jiġi dikjarat li huwa mhux ħati tagħhom u b'hekk qed jiġi liberat minn kull ħtija u piena fir-rigward tagħhom;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant Justin Attard ġie kkundannat iħallas multa ta' disat'elef Euro (€9,000);

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant Cliff Borg ġie kkundannat iħallas multa ta' disat'elef Euro (€9,000) u minflok qed jiġi kkundannat iħallas multa ta' ħamest elef Euro (€5,000);

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant Justin Attard ġie kkundannat sentejn priġunerija u minflok tikkundannah għal perijodu ta' sentejn priġunerija li

b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jiġu sospiżi għal sentejn mil-lum;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant Cliff Borg ġie kkundannat sentejn priġunerija;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellanti ġew ikkundannati solidalment bejniethom iħallsu l-ispejjeż tal-Inkjesta Maġisterjali fl-ammont ta' tlitt elef, tliet mija u ħamsa u tmenin Euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€3,385.24);

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ordnat il-konfiska tal-oġġetti eżebiti;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fir-rigward tar-revoka permanenti tal-liċenzja maħruġa lill-appellanti Justin Attard u Cliff Borg b'dan illi minħabba d-dħul fis-seħħ fil-mori tal-appell tal-emendi bl-Avviż Legali 86 tal-2022 li ġiet aktar favorevoli għall-appellanti u b'hekk huma għandhom jibbenefikaw minn tali emenda b'dan illi din il-Qorti tordna r-revoka permanenti tal-liċenzja jew permess rilevanti;

- tikkonferma l-bqija tas-sentenza tal-Ewwel Qorti.

Il-Qorti twissi lil ħati Justin Attard bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**